**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 12 ta' Ottubru 2021**

**Kumpilazzjoni numru 660/2021CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia**
**Spettur Sarah K. Zerafa)**

**Vs**

**Brandon Savona**
**(K.I. 393600L)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Brandon Savona** li ġie akkużat talli fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Ottubru 2021 min ġewwa Triq il-Merħba, Fgura;

1. Ikkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom *Air Rifles, Air Pistols, magazines* eċċ. liema serq huwa aggravat bil- 'Valur' liema ammont jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), 'bil-mezz' u 'bil- ħin' u dan għad-detriment ta' **Dunstan Camilleri** u/jew persuni oħra;

2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u cioe` bieb ta'

garaxx liema l-ammont tal-ħsara ma' tiskorrix l-mitejn u ħamsin euro (250), dan għad-detriment ta' **Dunstan Camilleri** u/jew persuni oħra;

3. Talli nhar l-10 ta' Ottubru 2021 jew fil-jiem ta` qabel f'dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioe ta' diversi oġġetti fosthom *Air Rifles, Air Pistols, Magazines* eċċ..;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija għal reati hawn fuq imsemijja u jekk jidrilha xieraq tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib illi l-istess imputazzjonijiet ġew ippruvati, salv ghall-fatt li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tielet imputazzjoni ingħatat in alternattiva tal-ewwel imputazzjoni.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija fis-sens illi r-*res furtiva* ġiet ritornata

immedjatament. Tosserva wkoll illi l-imputat ammetta fl-ewwel opportunita` li kellu quddiem din il-Qorti. Rat ukoll illi l-imputat għandu fedina penali kważi netta u li għadu ta' eta` żgħira.

Illi l-Qorti wara li ħadet dan kollu inkonsiderazzjoni hija disposta li tagħti lill-imputat ċans, jekk huwa jrid, li jkun gwidat biex ma jerġax jirrepeti l-iżball li għamel. Għalhekk se tkun qiegħda tpoġġih taħt Ordni ta' Probation biex jiġi segwit u ggwidat sabiex jegħleb l-ostakoli li jista' jkun qiegħed jaffaċċja.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261 (b), (c), (f), 263, 270, 279 (b), 325 (1) (c) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Brandon Savona** ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġiħ taħt **Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni stante li din ingħatat bħala alternattiva tal-ewwel imputazzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, i.l-Qorti qiegħda wkoll tordna lill-ħati jħallas lil Dunstan Camilleri is-somma ta' sebgħin ewro (€70) fi żmien sebat (7) ijiem mil-lum, liema danni jirrappreżentaw il-ħsarat sofferti mill-istess Camilleri.

Il-Qorti qiegħda wkoll tikkundanna lill-ħati iħallas l-ispejjeż kollha inkorsi man-nomina ta' esperti fl-inkjesta maġisterjali li nfetħet relatata ma' dan l-inċident wara li jiġu notifikati lilu mir-Reġistratur tal-Qorti.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħati il-konsegwenzi jekk huwa ma josservax il-kundizzjonijiet kollha tal-Ordni ta' Probation.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur